**Avviż li jistieden proposti għat-trasferiment ta' żona tal-estrazzjoni għall-estrazzjoni tal-idrokarburi**

(C/2023/159)

L-Uffiċċju tal-Minjieri Distrettwali ta' Bratislava, f'konformità mat-Taqsima 27a(1) tal-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat, b'dan iħabbar li s-Slovakkja, permezz tal-Uffiċċju tal-Minjieri Distrettwali ta' Bratislava, bħala l-awtorità kompetenti, qed tistieden proposti għat-trasferiment ta' żona ta' estrazzjoni ddedikata għall-estrazzjoni ta' depożitu tal-gass naturali (li hija proprjetà tar-Repubblika Slovakka). Barra minn hekk, b'referenza għall-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi, tistieden lill-partijiet ikkonċernati jressqu proposti għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni li ġejja:

**Špačince (depożitu Nru 13)**

Isem iż-żona ta' estrazzjoni/numru ta' referenza: Špačince /098/A

Erja tas-superfiċje taż-żona tal-estrazzjoni f'$m^2$: 322 923,89

Tip ta' mineral: gass naturali

Daqs tar-riżervi ġeoloġiċi: 10 000 000 $m^3$ fil-kategorija potenzjalment vijabbli

Żona katastali (IČUTJ – numru ta' identifikazzjoni): Špačince (861 049)

Distrett/kodiċi tad-distrett: Trnava/207

Stat tas-sit ta' produzzjoni: Depożiti estratti sal-1996. L-estrazzjoni tad-depożiti ma reġgħetx bdiet minn dak iż-żmien.

Koordinati tal-vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni Špačince:

| Vertiċi taż-żona ta' estrazzjoni | Lonġitudni | Latitudni |
|---|---|---|
| I | 17,62747682 | 48,42965402 |
| II | 17,62520611 | 48,43127419 |
| III | 17,62404136 | 48,43947535 |
| IV | 17,62728349 | 48,43967919 |
| V | 17,63029415 | 48,43159405 |

Il-koordinati ġeografiċi huma fi gradi deċimali u s-sistema ġeodetika hija WGS-84.

*Data ewlenija:*

**Tip ta' awtorizzazzjoni :** – id-dritt ta' estrazzjoni ta' depożitu esklużiv u tat-trattament tal-minerali estratti (l-entità proponenti tista' teżerċita dan id-dritt biss wara li tinħareġ awtorizzazzjoni legalment vinkolanti għall-attività ta' estrazzjoni mill-Uffiċċju tal-Minjieri Distrettwali).

**Indirizz fejn għandhom jintbagħtu l-proposti għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni u data ta' skadenza biex jintlaqgħu l-proposti għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni :** – *Obvodný banský úrad v Bratislave (Uffiċċju tal-Minjieri Distrettwali ta' Bratislava),* Mlynské nivy 44/b, 821 09 Bratislava, is-Slovakkja. Il-proposti jridu jaslu mhux aktar tard minn 90 ġurnata wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

**Kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-għażla**: persuna ġuridika jew fiżika li tissottometti proposta għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni trid tipprovdi evidenza ta' awtorizzazzjoni tal-**estrazzjoni valida** jew **awtorizzazzjoni simili** maħruġa minn Stat li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li tkopri l-attivitajiet li se jitwettqu fiż-żona ta' estrazzjoni li hija s-suġġett tal-proposta, u għandha tinkludi proposta għall-immaniġġjar tal-iskart u rapport dwar l-attivitajiet ta' estrazzjoni sa dik id-data.

**Kundizzjonijiet għall-kisba ta' kopji tad-dokumentazzjoni dwar id-deżinjazzjoni taż-żona ta' depożitu protetta u d-deżinjazzjoni taż-żona ta' estrazzjoni:** jistgħu jintwerew mapep li juru l-konfini taż-żona tal-estrazzjoni u tista' tinkiseb kopja tal-ftehim dwar id-deżinjazzjoni taż-żona ta' depożitu protetta u dwar id-deżinjazzjoni ta' din iż-żona ta' estrazzjoni mill-Uffiċċju tal-Minjieri Distrettwali ta' Bratislava, Mlynské nivy 44/b, SK-821 09, Bratislava, is-Slovakkja.

**Rekwiżiti għall-kontenut tal-proposti għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni:** data dwar iż-żona ta' estrazzjoni u *data* dwar id-depożitu esklużiv, il-metodu ta' estrazzjoni propost u l-metodu tal-iżvilupp, il-preparazzjoni, il-modifika u r-raffinar tad-dati preliminari għall-iżvilupp, il-preparazzjoni u x-xogħol ta' estrazzjoni, il-miżuri għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fiż-żona ta' estrazzjoni, il-mezzi finanzjarji tal-entità proponenti, il-kapaċitajiet tekniċi tal-entità proponenti, indikazzjoni tal-istat ta' progress lejn is-soluzzjoni tal-kunflitti ta' interess u kalkolu tal-benefiċċji mistennija mill-isfruttar tad-depożitu minerali għall-Istat li jirriżultaw mill-bejgħ mistenni tal-minerali estratti mid-depożitu esklużiv fiż-żona ta' estrazzjoni, li huwa s-suġġett tal-offerta.

**Kriterji ta' evalwazzjoni għall-proposti:** se jkun hemm bord li jevalwa l-proposti għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti fil-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-għażla, il-metodu propost għall-estrazzjoni tad-depożitu esklużiv u l-għażla tas-siti ta' rimi ta' skart, żwiel, baċiri ta' dikantazzjoni u siti oħrajn ta' ħżin ta' skart, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti ta' interess u l-konformità mar-rekwiżiti għall-kontenut tal-proposti għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni. Kull kriterju għandu l-istess piż.

**Data li fiha mistennija tingħata l-awtorizzazzjoni:** jekk il-proposta tiġi aċċettata, xahrejn wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni eleġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-estrazzjoni.

Il-proposti għat-trasferiment taż-żona ta' estrazzjoni jistgħu jitwasslu personalment jew bil-posta lill-Uffiċċju tal-Minjieri Distrettwali, Mlynské nivy 44/b, SK-821 09 Bratislava, is-Slovakkja f'envelop issiġillat immarkat "*Návrh do výberového konania*" (Proposta għall-proċedura ta' selezzjoni) bl-isem tal-entità li qed tissottometti l-proposta indikat b'mod ċar. Il-proposta għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni li fiha l-entità proponenti taqbel mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-avviż. Id-data tal-proposta għandha tkun id-data li tasal personalment jew id-data li fiha l-proposta tintbagħat bil-posta jew elettronikament lil mailto:obuba@obuba.sk jew lill-e-box Nru E0005593218 tal-Uffiċċju.

L-awtorità kompetenti għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għall-estrazzjoni tad-depożitu f'din iż-żona ta' estrazzjoni hija l-Uffiċċju tal-Minjieri Distrettwali ta' Bratislava. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva huma stabbiliti fl-Att Nru 51/1988 tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk dwar l-attivitajiet minerarji, l-isplussivi u l-amministrazzjoni minerarja tal-Istat, kif emendat. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja l-Uffiċċju fuq 00421 2 5341 7306 jew ibgħat email lil mailto:obuba@obuba.sk, inkella permezz tal-e-box Nru E0005593218 tal-Uffiċċju.